MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 93/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kurt Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kurt Psaila talli fit-3 ta' Jannar 2008 ghall-habta ta' 16.15 hrs. fi Triq Dun Karm, B'Kara:

(1) Saq vettura Nru. KRT-600 (mutur) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura;

(2) B'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Kurt Psaila jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Kurt Psaila, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu *ammenda* ta' 104.82 euro fuq l-ewwel imputazzjoni u multa ta' 2,329.37 euro fuq it-tieni imputazzjoni u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Kurt Psaila pprezentat fl-14 ta' April 2008 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu sejbien ta' htija taz-zewg imputazzjonijiet u l-piena pekunjarja ghall-istess u tirrevoka l-applikazzjoni ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 imsemmi in kwantu l-iskwalifika msemmija tirriferixxi "ghal xi licenza tas-sewqan" u minflok tbiddel l-iskwalifika limitatament billi tordna li ma jkollux jew jikseb licenza tas-sewqan ta' mutur ghal tanx-ilx ahar u/jew ghal xi perijodu iehor anqas skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta' l-appellant hu dwar l-iskwalifika li ordnat l-ewwel Qorti milli jkollu jew jikseb xi licenza tas-sewqan. L-appellant isostni illi l-iskwalifika kellha tkun biss

milli jkollu jew jikseb licenza biex isuq mutur. Huwa jargumenta li l-ewwel imputazzjoni hi wahda specifika u tikkoncerna vettura li hi mutur filwaqt li t-tieni imputazzjoni hi wahda konsegwenzjali li tirriferixxi ghal polza ta' sigurta` ta' l-istess mutur. Jghid li licenzi tas-sewqan huma klassifikati skond kategoriji marbutin mat-tip ta' vettura li tkun qed tinsaq. Ghalhekk, ikompli l-appellant, l-ispirtu tal-ligi hu li jezistu l-hrug ta' licenzi diversi ghas-sewqan ta' diversi tipi ta' vetturi; b'hekk il-ksur addebitat hu marbut u relatat mat-tip ta' vettura li tkun qed tinsaq. Skond l-appellant, anke fit-talba tal-prosekuzzjoni ghall-iskwalifika wiehed jista' jippostula illi r-riferenza hi ghal licenza ta' mutur. Jirreferi fl-ahharnett ghal kif id-dicitura ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta hija fis-singular. Skond l-appellant din hi indikazzjoni li l-iskwalifika hi riferibbli biss ghal kategorija ta' licenza tas-sewqan li taghha jkun qed isir il-ksur tal-ligi stante li l-persuna ma jkollhiex dik il-licenza partikolari.

L-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 jipprovdi testwalment hekk:

**"Kull min jinstab hati ta' reat taht dan l-artikolu ghandu (hlief jekk il-qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika) jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati."**

Minn ezami ta' dan is-subartikolu u tal-bqija ta' l-artikolu 3 huwa evidenti li l-ligi ma taghmilx id-distinzjonijiet li l-appellant qieghed jissuggerixxi. Ghalhekk *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*. L-anqas ma jaghmel sens legali li jsir dak suggerit mill-appellant. L-iskwalifika hija ntiza bhala parti mill-piena. X'piena hi jekk persuna tigi skwalifikata milli jkollha licenza tas-sewqan ta' mutur jekk imbaghad tkun tista' tottjeni licenza biex issuq kull tip iehor ta' vettura? Fil-fehma tal-Qorti r-referenza ghal "licenza tas-sewqan" fl-artikolu 3(2A) ghalkemm fis-singular ghandhom jigu interpretati bhala nom kollettiv li jinkorpora kwalunkwe tip ta' licenza tas-sewqan. Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li l-perijodu ta' sospensjoni ghandu jkun inqas tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Jghid li huwa ammetta mill-ewwel mal-Pulizija u inoltre l-fedina penali tieghu hi wahda netta.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

F'dan il-kaz m'hemmx dubbju li l-piena taqa' fil-parametri tal-ligi kif jipprovdi l-precitat artikolu 3(2A) tal-Kap. 104. Barra minn hekk skond l-istess subartikolu il-Qorti tkun tista' tnaqqas il-perijodu ta' skwalifika jekk jezistu "ragunijiet specjali". Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz ma jezistux ragunijiet specjali li ngabu a konjizzjoni tal-Qorti li jistghu jwassluha biex tnaqqas il-perijodu nflitta mill-ewwel Qorti. B'hekk anke t-tieni aggravju huwa respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-apepll u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li l-perijodu ta' skwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------